**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 190**
**It-Tnejn, 18 ta' Diċembru, 2023 fis-1:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12043. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12044. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12045. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm nefqet flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista tgħid jekk bagħtitx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Tista' tgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12046. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12047. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12048. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

09/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**DIRETTORAT TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM – ĦIDMA**

**13007. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-kwestjonijiet li qiegħed jindirizza bħalissa d-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rapport annwali ta' dan id-Direttorat?

02/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-ħidma tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem hija bbażata fuq l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni li ġew imfassla u mnedija matul is-snin. Dawn huma:

1. Strateġija u Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza u l-Integrazzjoni (Mainstreaming) tal-ġeneru (GEMSAP) 2022 – 2027
2. Strateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza LGBTIQ+ 2023 – 2027
3. Strateġija u Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni tal-Migranti 2017-2020. Bħalissa d-Direttorat qiegħed jipprepara għat-tieni strateġija f'dan il-qasam: il-konsultazzjoni pubblika ġiet varata f'Mejju ta' din is-sena
4. Strateġija Nazzjonali kontra r-Razziżmu 2021 – 2023. Id-Direttorat beda l-preparamenti għat-tieni strateġija f'dan il-qasam b'konsultazzjoni ma' msieħba varji.

Qegħdin isiru preparamenti mid-Direttorat, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u esperti mill-Kunsill tal-Ewropa, sabiex Malta jkollha l-ewwel Strateġija Nazzjonali kontra t-traffikar tal-bniedem.
Id-Direttorat kontinawment jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem lill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku u diversi entitajiet governattivi.

Seduta 190
18/12/2023

**CCF – POLICY DWAR PRIĠUNIERI TRANSGENDER**

**13008. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10765 dwar policy fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) dwar priġunieri transgender, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-istandards internazzjonali li qiegħed jirreferi għalihom fl-istess tweġiba?

02/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi dan li ġej:
1.Blanc, J. (2018). Towards the Effective Protection of LGBTI Persons Deprived of Liberty: A Monitoring Guide. Association for the Prevention of Torture.
2.Council of Europe (2010) Recommendation CM/Rec(2010)5 of the Committee of Ministers to member states on measures to combat discrimination on grounds of sexual orientation or gender identity (Adopted by the Committee of Ministers on 31 March 2010 at the 1081st meeting of the Ministers' Deputies)
3.Council of Europe (2015) Protecting Human Rights of Transgender Persons: A short guide to legal gender recognition.
4.HM Prison and Probation Service (2023) The Care and Management of Individuals who are transgender.
5.HM Prison and Probation Service (2023) The Care and Management of Individuals who are Transgender: Operational Guidance.
6.International Commission of Jurists (ICJ) (2017) , The Yogyakarta Principles Plus 10 - Additional Principles and State Obligation on the Application of International Human Rights Law in Relation to Sexual Orientation, Gender Expression and Sex Characteristics to Complement the Yogyakarta Principles.
7.Lynch, S., & Bartels, L. (2017). Transgender prisoners in Australia: An examination of the issues, law and policy. Flinders LJ, 19, 185.
8.McCall-Smith, K. (2016). United Nations standard minimum rules for the treatment of prisoners (Nelson Mandela Rules). International Legal Materials, 55(6), 1180-1205.
9.NSW Government: Community and Justice. (2021) Classification and Placement of Transgender and Intersex Inmates.
10.Principles, Y. (2007). Yogyakarta Principles on the application of international human rights law in relation to sexual orientation and gender identity. Yogyakarta, Indonesia. Retrieved January, 31, 2013.
11.Steering Committee for Human Rights (CDDH) May 2013. Report on the implementation of Recommendation CM/Rec(2010)5 of the Committee of Ministers to member States on measures to combat discrimination on grounds of sexual orientation or gender identity. CM(2013)36-add2
12.UNDP (2020). Mapping of Good Practices for the Management of Transgender Prisoners. Bangkok.
13.UNODC (2022) Technical Brief: Transgender People and HIV In Prisons and Other Closed Settings.

Seduta 190
18/12/2023

**CCF – POLICY DWAR PRIĠUNIERI TRANSGENDER**

**13009. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10765 jista' l-Ministru jgħid meta se tkun lesta l-policy aġġornata dwar persuni transgender fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF)? Jista' jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-policy aġġornat dwar persuni transgender illi l-ewwel abbozz jinsab lest u jinsab għal konsultazzjoni interna.

Seduta 190
18/12/2023

**CCF – PRIĠUNIERI TRANSGENDER**

**13010. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10763, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-ġeneru taż-żewġ priġunieri transgender imsemmija fl-istess tweġiba?

02/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi dawn iż-żewġ persuni jidentifikaw lilhom infushom bħala nisa.

Seduta 190
18/12/2023

**KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI - ILMENTI**

**13011. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċieva lmenti l-Kummissarju għall-Anzjani minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Dwar liema kwestjonijiet kienu dawn ilmenti?

02/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-Kummissarju għall-Anzjani rċieva total ta' sbatax (17) il-ilment minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari mill-Uffiċċju tal-Kummissarju. (13.12.2023).
Dawn l-ilmenti kienu dwar:

| **KATEGORIJI** | |
|---|---|
| Deċizjonijiet dwar dħul f'Dar tal-Anzjani/nuqqas ta' qbil bejn il-persuna anzjana u l-qraba | 2 |
| Djar tal-Anzjani | 3 |
| Djar tal-Anzjani/allegat abbuż minn carer/s | 1 |
| Impjiegi/kuntratt tax-xogħol mhux imġedded lill-persuna anzjana | 1 |
| Każijiet Varji/Individwali | 2 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali | 1 |
| Kunsilli Lokali/servizzji mhux offruti lill-anzjani mill-Kunsill Lokali | 1 |
| Kunsilli Lokali/servizzji offruti lill-anzjani mill-Kunsill Lokali | 1 |
| Servizzi Finanzjarji mhux offruti lill-anzjani | 1 |
| Servizzi mhux offruti lill-anzjani | 1 |
| Sptarijiet tal-Gvern | 1 |
| Vjolenza Domestika | 2 |
| **TOTAL** | **17** |

Seduta 190
18/12/2023

**TRANŻAZZJONIJIET MINN KUMPANIJA**

**13012. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid għal liema raġuni l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament qed taċċetta biss flus kontanti fil-fergħat tagħha u mhijiex taċċetta tranżazzjonijiet bil-cards?

02/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kumpanija li dwarha qed tintalab informazzjoni, hija kumpanija privata.

Seduta 190
18/12/2023

**BCA - KONSULENTI**

**13553. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12530, 12646, 12894 u 13147 u jgħid min huma l-konsulenti tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u kemm-il direct order ingħata lil dawn il-konsulenti mill-bidu tat-twaqqif tal-Awtorità, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

17/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13429 li ngħatat fis-seduta 189.

Seduta 190
18/12/2023

**BCA - KONSULENTI**

**13554. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12530, 12646, 12894 u 13147 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista u kopja ta' dawn id-direct orders?

17/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13429 li ngħatat fis-seduta 189.

Seduta 190
18/12/2023

**BCA - KONSULENTI**

**13555. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12530, 12646, 12894 u 13147 u jgħid x'inhu x-xogħol li jridu jwettqu għall-ħlas li qed jingħataw? Jista' jgħid ukoll x'kienu x-xogħlijiet imwettqa minn dawn l-konsulenti sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

17/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13429 li ngħatat fis-seduta 189.

Seduta 190
18/12/2023

**BCA - KONSULENTI**

**13556. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12530, 12646, 12894 u 13147 u jgħid jekk dan kienx jinkludi wkoll li jagħmlu reviżjoni tal-'Method Statements'?

17/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13429 li ngħatat fis-seduta 189.

Seduta 190
18/12/2023

**BCA - KORS TA' FIRE SAFETY GĦALL-ĦADDIEMA**

**13557. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12989, jista' l-Ministru jikkonferma li mit-tnejn u għoxrin (22) impjegat li saru Fire Marshall matul is-snin 2022 u 2023, ħmistax (15) huma Uffiċjali tal-Infurzar u sebgħa (7) huma impjegati li jokkupaw karigi oħra fi ħdan l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA)? Jekk iva, jista' jgħid liema huma l-karigi li kienu jew għadhom jokkupaw is-seba' (7) impjegati l-oħra? U la preżentament ħadd minn dawn il-Fire Marshalls m'hu qed jibbenefika minn xi allowance, jista' jgħid jekk qatt kienx hemm xi wħud minn dawn l-istess Fire Marshalls li bbenefikaw minn xi forma ta' allowance bejn is-sena 2022 u 2023? U jekk iva, jista' jgħid liema kariga kienu jew għadhom jokkupaw dawn l-istess Fire Marshalls li bbenefikaw minn xi allowance fis-snin imsemmija?

17/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-snin 2022 u 2023, ħmistax-il (15) Uffiċjali tal-Infurzar u sebgħa (7) impjegati li jokkupaw karigi oħra fi ħdan l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA), segwew it-taħriġ neċessarju sabiex jekk jkun hemm il-ħtieġa jistgħu jaġixxu bħala Fire Marshall.
Infurmat li b'deċiżjoni tal-istess Awtorità, dawk il-ħaddiema magħżula biex jagħqdu l-funzjoni ta' fire marshalls f'każ ta' bżonn, minn fost il-ħaddiema li temmew it-taħriġ, ġew ikkumpensati temporanjament sakemm ġew ingaġġati ħaddiema fl-istess Awtorità li fost il-funzjonijiet tagħhom hemm inkluż din il-funzjoni.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - POSITION OF TRUST – SALARJI**

**13558. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13243, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

17/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 190
18/12/2023

**GĦAWDEX – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**13611. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1672, 3681 u 9004, li ngħataw fil-21 ta' Ġunju 2022, fis-16 ta' Novembru 2022 u fit-22 ta' Mejju 2023 rispettivament, dwar kemm fl-aħħar żewġ leġiżlaturi (2013–2022) saru toroq jew partijiet minn toroq f'Għawdex (Triq tal-Ħanaq Nadur, Triq Franġisk Portelli Għarb, Triq l-Imgħallem Victoria, Triq Daħlet Qorrot Nadur u Triq Papa Piju XII Qala) li ngħataw il-base course biss u sal-lum għadhom ma ngħatawx il-wiċċ finali, fejn ġie mwieġeb li, "Ix-xogħol fuq il-maġġor parti tagħhom għadu għaddej u se jingħataw il-wearing course daqt.", jista' l-Ministru jgħid f'kull triq li ssemmiet fit-tweġiba meta nbeda x-xogħol fuqha, kemm tħallsu flus sa issa fuq kull triq, liema xogħlijiet għad fadal isiru, fiex jikkonsistu, u meta se jingħata l-wearing course? Jista' jgħid ukoll f'kemm minn dawn it-toroq tlesta x-xogħol kollu, inkluż il-wearing course, f'dawn l-aħħar ħames xhur u nofs?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq Triq l-Imgħallem tlesta kollu bħala parti mill-xogħol li qed issir f'Triq l-Imgħallem u Triq ta' wara s-Sur. S'issa tħallsu Euro 785.061.12 (incl VAT). F'Triq Daħlet Qorrot s'issa tħallset is-somma ta' Euro 1,640.35 (incl VAT) mentri f'Triq Papa Piju XII il-Qala ix-xogħol għadu ma tħallasx. Filwaqt li f'triq Frangisk Portelli Euro 658,799 (incl VAT) tħallas Euro u Triq tal-Ħanaq tħallas Euro 105,222,66 (incl VAT).

Seduta 190
18/12/2023

**GĦAWDEX, TRIQ L-IMĠARR, - INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU - MIŻURI**

**13612. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl tal-inċidenti, anki serji, li seħħew f'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat fi Triq l-Imġarr li twassal mill-Port tal-Imġarr sar-Rabat Għawdex u li tgħaddi minn Għajnsielem u x-Xewkija, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu jew beħsiebhom jittieħdu mill-Gvern jew l-entitajiet tiegħu sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' sewqan eċċessiv jew abbużiv f'dawn it-toroq?

20/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar xhur, Transport Malta għamlet 'network-wide road safety assessment' li kien jinkludi evalwazzjoni tat-toroq arterjali u distributorji u Triq l-Imgarr (Ghajnsielem/Xewkija/Rabat), kienet tagħmel parti minn din l-evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet għall-immaniġġar ta' sigurtà aħjar fuq din it-triq ser jiġu pprovduti lill-Ministeru għal Għawdex malli jitlesta r-rapport.

*In oltre*, Transport Malta ma rċeviet l-ebda talba għal 'fixed speed camera', madanakollu ser tkun qed tevalwa il-kriterji meħtieġa skont kif imniżżel fl-iSpeed Management on Maltese Roads Policy and Technical Guidance Manual - Annex 3C.

Seduta 190
18/12/2023

**GĦAWDEX - PJAZZA TAX-XEWKIJA - CABLES TAD-DAWL**

**13613. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6298 dwar xogħlijiet ta' cables tad-dawl li baqgħu mwaħħlin mal-faċċati tad-djar u bini ieħor fil-Pjazza tax-Xewkija, Pjazza San Franġisk fir-Rabat u l-waterfront ta' Marsalforn, fejn kien ġie mwieġeb li "t-tender ser joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin.", jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender ħarġitx u jekk iva, meta nħarġet u meta se jibdew ix-xogħlijiet?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender SPD3/2023/011 – Tender to provide cable management systems and laying of Enemalta cable ħarġet f'Mejju 2023, u għalqet fis-6 ta' Ġunju 2023. Ma rċivejna l-ebda sottomissjoni għal din it-tender.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PROĠETTI MILL-CONNECTING EUROPE FACILITY OF THE EUROPEAN UNION FUND**

**13614. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom sa issa u liema minnhom ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati biex isiru mill-programm 'Connecting Europe Facility of the European Union' (Perjodu 2021-2027), kemm ingħataw flus s'issa u kemm se jingħataw flus minn dan il-fond lill-Ministeru għal Għawdex għal dawn il-proġetti?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 12882.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**13615. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-uffiċjali kollha fil-gradi ta' Manager, Senior Manager, Manager Operations Manager I u Manager fil-Ministeru għal Għawdex, bid-dettalji tar-responsabbiltajiet tagħhom u l-pakkett finanzjarju sħiħ ta' kull uffiċjal u kemm ilhom (inkluż snin u xhur) f'din il-kariga?

20/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex għandu impjegati miegħu 22 Manager I, 21 Manager II, 3 Operations Manager, żewġ Senior Managers u wieħed bħala Programme Manager. Ir-responsabilitajiet ta' dawn l-uffiċjali varjaw minn compliance, research, human resources, accounting and finance u project management, fost l-oħrajn. L-uffiċjali fi grad ta' Senior Manager, Manager I u Manager II huma eliġibbli għal bonus ta' massimu ta' 15%, apparti l-paga bażika skont l-iskala rispettiva.

Seduta 190
18/12/2023

**PROĠETT TA' PERMANENT LINK BEJN MALTA U GĦAWDEX**

**13616. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-proġett ta' permanent link bejn Malta u Għawdex, jista' l-Ministru jgħid:

a. xi żviluppi kien hemm fejn jidħol dan il-proġett fl-aħħar sena u nofs;

b. liema studji hemm għaddejjin meta tkun qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u min qed jagħmel dawn l-istudji;

ċ jekk fl-aħħar tmien xhur kienx hemm xi studji li ġew konklużi; u

d. jekk kien hemm studji konklużi, liema kienu dawn l-istudji, min għamilhom u jistax jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

20/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-istrateġija tal-Gvern għal Għawdex li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - POSITIONS OF TRUST**

**13779. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

23/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 13246.

Seduta 190
18/12/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DIRECT ORDERS**

**13832. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DIRECT ORDERS**

**13833. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ContractingAuthority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS**

**13834. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DIRECT ORDERS**

**13835. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 190
18/12/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIRECT ORDERS**

**13836. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13740.

Seduta 190
18/12/2023

**QORTI TAL-APPELL SEDE SUPERJURI U QORTI KOSTITUZZJONALI - APPELLI**

**14036. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati appelli quddiem il-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u l-Qorti Kostituzzjonali matul l-2021, l-2022 u l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

01/12/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sas-7 ta' Diċembru 2023.

| Sena | Qorti tal-Appell Superjuri | Qorti Kostituzzjonali |
|---|---|---|
| 2021 | 346 | 95 |
| 2022 | 391 | 220 |
| Sas-7 ta' Diċembru 2023 | 417 | 203 |

Seduta 190
18/12/2023

**BDIEWA REĠISTRATI**

**14125. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13573 u 13916 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

06/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14126. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13574 u 13917 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

06/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14127. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13575 u 13918 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

06/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14128. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13576 u 13919 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

06/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**IL-BELT VALLETTA – SKEMI GĦAL STABBILIMENTI**

**14145. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta hi mistennija li tiġi reża pubblika l-iskema l-ġdida li permezz tagħha persuni li għandhom stabbilimenti kummerċjali mikrija fil-Belt, ikunu jistgħu jestendu t-termini tagħhom fi ċnus jew f'atti oħra?

07/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema msemmija ser titħabbar fil-futur qarib. Ta' min iżid illi din l-iskema mhux biss applikabbli għall-istabbilimenti kummerċjali mikrija tal-Belt Valletta biss imma ser tkun mifruxa fuq it-territorju Maltin u Għawdxi kollu hekk kif imwiegħed fil Manifest Elettorali.

Seduta 190
18/12/2023

**RAĦAL ĠDID – PACE GRASSO GROUND**

**14146. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid taħt liema dekasteru jaqa' l-eks ground ta' Pace Grasso, f'Raħal Ġdid?

07/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet.

Seduta 190
18/12/2023

**RAĦAL ĠDID – PACE GRASSO GROUND - ŻBIR TA' SIĠRA**

**14147. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13929 u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11554, 11555 u 11556, jista' l-Ministru jara li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex is-siġra li tinsab f'art tal-eks grawnd tal-futbol Pace Grasso tiġi miżbura?

07/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 190
18/12/2023

**RAĦAL ĠDID: ĠNIEN SAN ALWIĠI – XOGĦLIJIET**

**14148. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13938, jista' l-Ministru jgħid jekk bediex ix-xogħol fuq Ġnien San Alwiġi, f'Raħal Ġdid?

07/12/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li l-Kunsill kien ressaq applikazzjoni quddiem l-Awtorità kkonċernata sabiex isiru xogħlijiet fi Ġnien San Alwiġi, liema applikazzjoni infurmat li ġiet approvata x-xahar li għadda.

Fiċ-ċirkostanzi, infurmat illi l-istess Kunsill qed jaħdem sabiex fil-ġimgħat li ġejjin ikun jista' jinħareġ it-tender relattiv għax-xogħlijiet.

Seduta 190
18/12/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE – XOGĦLIJIET**

**14149. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13940 jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' soluzzjoni qed tiġi diskussa rigward ix-xogħlijiet li jridu jsiru mill-ġdid fil-Pjazza Antoine de Paule, f'Raħal Ġdid?

07/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 13940.

Seduta 190
18/12/2023

**TFAL IMWIELDA F'MALTA**

**14157. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twieldu tfal f'Malta, xahar b'xahar, matul dawn l-aħħar ħames snin, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jgħid:
a. kemm minnhom huma minn ġenituri ta' nazzjonalità Maltija;
b. kemm minnhom huma minn ġenitur wieħed ta' nazzjonalità Maltija; u
ċ. kemm minnhom twieldu f'Malta minn ġenituri li huma t-tnejn barranin?

07/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10880.

Seduta 190
18/12/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – MINA TAD-DRENAĠĠ**

**14159. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal ix-xogħol marbut mal-mina tad-drenaġġ li għandha titħaffer f'San Pawl il-Baħar bejn iż-żona tal-Erba' Mwieżeb u x-Xemxija? Meta hu mistenni li se tkun tista' tiffunzjona kif ippjanata?

07/12/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-imsemmi xogħol jinsab għaddej u huwa mmirat li jitlesta fi żmien sena.

Seduta 190
18/12/2023

**THIRD COUNTRY NATIONALS JAĦDMU**

**14160. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' Third Country Nationals li kienu mogħtija l-permess biex jiġu jaħdmu hawn Malta mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Kemm minn dawn il-persuni għadhom hawn Malta? X'tip ta' koordinazzjoni sseħħ bejn Identità Malta u l-Jobsplus biex jiġi assigurat li dawn il-persuni fil-fatt ikunu qed jaħdmu?

07/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-numru ta' permessi ta' residenza ġodda għal raġunijiet ta' xogħol sena b'sena kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2018 | 10,178 |
| 2019 | 12,644 |
| 2020 | 6,592 |
| 2021 | 8,060 |
| 2022 | 27,549 |

Infurmat li rigward kemm minn dawn il-persuni għadhom hawn Malta nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 13600. Infurmat li l-Aġenzija Identità u Jobsplus jikkooperaw flimkien sabiex ikun imrażżan kwalunkwe abbuż fuq ħaddiema barranin. Permezz ta' ftehim li hemm bejn iż-żewġ entitajiet, li l-informazzjoni bejniethom tinqasam b'mod regolari u mmedjat, qed isiru spezzjonijiet konġunti fuq postijiet tax-xogħol b'mod regolari.

Seduta 190
18/12/2023

**THIRD COUNTRY NATIONALS – PASSAPORTI**

**14161. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx x'investigazzjoni dwar dak li allegatament jiġri mill-passaporti ta' Third Country Nationals, fejn jingħad li f'numru ta' każi, il-passaporti ta' dawn il-persuni jittieħdu mingħandhom u jinżammu għand dawk li jkunu ġabuhom f'pajjiżna?

07/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi investigazzjonijiet dwar każi fejn persuni minn Pajjiżi Terzi jew persuni oħra jitteħdilhom il-passaport u jinżammu għand persuni li ma jkollhomx id-dritt li jagħmlu dan, isiru kull meta jkun hemm rapport jew meta tali każi jiġu għal konjizzjoni tal-Pulizija b'metodi oħra. Meta b'dan l-għemil jirriżulta li kien hemm ksur tal-Liġijiet ta' Malta, tittieħed azzjoni u jinħarġu l-akkużi kriminali relatati kontra l-persuni involuti.

Seduta 190
18/12/2023

**ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14163. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13577 u 13943 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

11/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**BDIEWA REĠISTRATI**

**14164. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Minisru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13578 u 13944 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

11/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**ĦAL QORMI - TRIQ MANWEL DIMECH - SOUND REDUCTION BARRIERS**

**14169. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkunsidra l-installazzjoni ta' sound reduction barriers matul Triq Manwel Dimech, f'Ħal Qormi, biex jitnaqqas l-istorbju ġġenerat mit-traffiku u mill-fabbriki tal-madwar?

11/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jindika speċifikament iż-żona eżatta fejn qed jitlob tali intervent.

Seduta 190
18/12/2023

**PERSUNI ANZJANI RESIDENTI FI DJAR TAL-ANZJANI/NURSING HOMES**

**14200. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika li turi n-numru ta' persuni anzjani residenti fi djar tal-anzjani jew f'nursing homes (kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati), f'Malta u f'Għawdex, jew fir-Residenza San Vinċenz de Paul, maqsuma sena b'sena mill-2010 sal-2023?

11/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**ŻIEDA FIL-POSITJIET RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI**

**14201. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa pproġettat li jiżdiedu l-postijiet residenzjali għall-anzjani fil-ħames snin li ġejjin?

11/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li huwa stmat li l-Gvern jixtri madwar 200 sodda ġdida fis-sena meta wieħed jikkunsidra wkoll l-imwiet li jkun hemm fid-djar residenzjali għall-anzjani kull sena u ż-żieda fis-sodod ta' kull sena, flimkien mad-domanda. Però s-sitwazzjoni tiġi evalwata l-ħin kollu sabiex ikun hemm rispons adegwat minnufih jekk ikun hemm xi problema, bħal meta tagħlaq xi dar tal-anzjani. Għalhekk id-dipartiment ikonċernat jimmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni.

Seduta 190
18/12/2023

**FAĊILITÀ TA' SAN VINĊENZ DE PAUL - VENTOLIN SOLUTION FOR NEBULIZATION**

**14202. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13474, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm perjodu fejn il-Ventolin Solution for Nebulization kien out of stock? Jekk iva, jista' jgħid meta kien dan il-perjodu u jekk huwiex in stock dan il-prodott illum?

11/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kien hemm nuqqas temporanju ta' Salbutamol 5mg/ml respiratory solution (Ventolin Solution for Nebulization). Madankollu hemm stocks fil-pajjiż li qed jiġu distributwiti. Ta' min wieħed jinnota li l-mediċini Aminophylline u Ipratroprium Bromide, li huma ta' klassi differenti però li jintużaw għal skopijiet simili dejjem kienu in stock.

Seduta 190
18/12/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - PROBLEMA TA' INTERNET**

**14203. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12014, jista' l-Ministru jara li tissolva darba għal dejjem il-problema li teżisti fl-internet fil-blokka f'San Vinċenz de Paul fejn hemm is-swali St. Joseph 7, 8, 10 u 11 u dan peress li sa issa ma sssewwietx il-ħsara li kien hemm?

11/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-problema tas-servizz ta' internet issolviet u fis-swali msemmija, hemm servizz ta' internet.

Seduta 190
18/12/2023

**RAĦAL ĠDID – SERVIZZI FIĊ-ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**14204. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa jgħid x'servizzi qegħdin jingħataw fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u jekk hemmx lista' ta' stennija għal dawn is-servizzi?

11/12/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**AĠENZIJA SAPPORT – DJAR RESIDENZJALI**

**14205. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm Djar Residenzjali mmexxija mill-Aġenzija Sapport u f'liema lokalitajiet qegħdin? Kemm hemm residenti f'dawn id-Djar Residenzjali? Kemm hija l-lista ta' stennija biex persuni b'diżabilità jirċievu dan is-servizz?

11/12/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Sapport tmexxi 10 residenzi fil-komunità f'Malta u oħra f'Għawdex. Dawn huma parti mis-servizz tas-Supported Independent Living, li l-għan tiegħu hu li jagħti sostenn lill-persuni b'diżabilità fi djar jew appartamenti mmexxija mill-Aġenzija waqt li jsegwu programmi u pjanijiet personalizzati sabiex jakkwistaw ħiliet li jgħinuhom jgħixu indipendenti fil-komunità.

| Lokalità | Numru ta' persuni b'diżabilità |
|---|---|
| Bormla | 6 |
| B'Buġia | 4 |
| Mtarfa | 7 |
| Siġġiewi | 3 |
| Kirkop | 3 |
| Fgura | 2 |
| Pembroke | 4 |
| Żabbar | 6 |
| Marsa | 3 |
| Żurrieq | 4 |
| Rabat, Għawdex | 10 |

Il-lista ta' stennija qiegħda tiġi riveduta biex tirrifletti d-direzzjoni lejn id-de-institulizzazzjoni, bl-għan li kemm jista' jkun persuni b'diżabilità jibqgħu jgħixu fil-komunità bis-sapport meħtieġ. Flimkien mal-persuna b'diżabilità, qed nevalwaw is-sitwazzjoni ta' kull persuna biex naraw liema għażliet huma l-aktar addattati għall-bżonnijiet tagħhom.

Seduta 190
18/12/2023

**ST. THOMAS COMMUNITY LIVING – SUĠĠERIMENTI MIR-RESIDENTI**

**14207. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-residenti tas-St. Thomas Community Living għandhomx kumitat fejn ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut u s-suġġerimenti tagħhom u ta' sħabhom residenti fit-tmexxija ta' din id-dar residenzjali?

11/12/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-djar residenzjali tal-Gvern, kif ukoll djar fejn il-Gvern jixtri sodod, inkluża dik ta' St.Thomas Community Living, kollha għandhom kumitat magħmul mir-residenti stess fejn jistgħu jagħtu l-kontribut u s-suġġerimenti tagħhom fir-rigward tat-tmexxija tad-dar fejn ikunu qed jgħixu.

Seduta 190
18/12/2023

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**14208. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476, 13638, 13908 u 14099 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

11/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**GUDJA, VJAL L-AVJAZZJONI – TRAFFIC LIGHTS**

**14209. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12595, jista' l-Ministru jara li t-traffic lights li jinsabu fi Vjal l-Avjazzjoni idealment jitranġaw b'mod permanenti hekk kif jidher li kull meta tagħmel ix-xita qed jinqatgħu?

11/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fi Vjal l-Avjazzjoni hemm numru ta' traffic lights u pedestrian crossings. Bejn it-Tnejn 11 u t-Tlieta 12 ta' Diċembru kien hemm xi ħsarat biswit il-car park tal-MIA, liema ħsarat ġew imsewwija immedjatament.

Seduta 190
18/12/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI**

**14212. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm rapporti saru lill-Pulizija bejn l-2018 u l-2023, maqsuma sena b'sena minn ġenituri li allegatament ġew abbużati minn uliedhom jew wieħed jew waħda minn uliedhom? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-ġenituri kellhom 60 sena u aktar?

12/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**BIRKIRKARA - TA' PARIS – XOGĦLIJIET FUQ TOROQ**

**14213. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-toroq f'Ta' Paris Birkirkara li fihom qed isir ix-xogħol bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm se jdum biex ix-xogħol ikun komplut u jekk hux it-toroq se jkunu asfaltati mill-ġdid ladarba jitlesta x-xogħol?

12/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 190
18/12/2023

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - SPIŻA**

**14216. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116, 12664, 12995, 13193, 13466, 13709, 13954 u 14091 u jagħti break down dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi break down finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' break down finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

12/12/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**GĦALLIEMA FL-ISKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI**

**14217. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14092 fl-intier tagħha u jgħid kemm mit-3,641 għalliem fl-iskejjel tal-istat huma għalliema kkwalifikati u kemm minnhom huma supply? Fir-rigward tal-għalliema (kwalifikati u dawk supply) fl-iskejjel sekondarji, jista' jindika ta' liema suġġetti huma? Jista' jgħid ukoll kemm klassijiet fl-iskejjel primarji u kemm klassijiet fl-iskejjel sekondarji jinsabu mingħajr għalliema għal kull suġġett?

12/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL: THE GOLDEN BEE AWARDS - LUXURY BOARD U VIPS ABBORD**

**14218. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431, 12666, 12997, 13195, 13464, 13707, 13924 u 14093 u jgħid x'kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee awards? X'inhu l-isem tad-dgħajsa u ta' min hi? Jista' jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f'Manoel Island biex tkun tista' tittrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista' jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b'kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

12/12/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS TAL-MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**14219. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430, 12665, 12996, 13194, 13465, 13708, 13923 u 14094 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-iSpazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

12/12/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**SAN PAWL TAT-TARĠA - TORRI TAL-KAPTAN**

**14220. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13921 u 14095 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13649, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb jew deċiżjonijiet li jridu jiġu meħuda biex it-Torri tal-Kaptan f'San Pawl tat-Tarġa jiġi ppreservat mill-elementi biex ma jkomplix jaqa' u mbagħad jiġi kkonservat u rrestawrat ukoll?

12/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li rappreżentanti ta' Heritage Malta flimkien mal-SCH u rappreżentant tar-Reġjun tat-Tramuntana żaru s-sit in kwistjoni sabiex jidentifikaw ix-xogħol ta' restawr meħtieġ fuq l-istess sit.

Seduta 190
18/12/2023

**TRANSPORT MALTA - IMPJEGATI TAĦT INVESTIGAZZJONI**

**14221. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13952 u 14098 u jagħti rendikont ta' kemm hemm impjegati fi Transport Malta illi ġew jew qed jiġu investigati mill-Pulizija u/jew mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u mill-Human Resources tal-Awtorità mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-pożizzjoni u l-grad tagħhom u kemm ilhom impjegati mal-Awtorità? Jista' jgħid x'inhu/x'inhuma l-każ/każijiet li fuqu/fuqhom ġew/qed jiġu investigati?

12/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant ikun aktar speċifiku fil-mistoqsija tiegħu.

Seduta 190
18/12/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - AVUKATI INTERNI - SEJĦIET**

**14222. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12571, 13873 u 14102 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

12/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**IL-BELT VALLETTA – KUNTRATT TA' FOND**

**14223. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14103 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12645, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li skada fl-2017?

12/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 190
18/12/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – DIĠITALIZZAZZJONI TAL-FILES**

**14224. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14104 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8215, jista' l-Ministru jagħti figuri bħala perċentwali tal-files 'in circulation' li għadhom pendenti biex jiġu scanned u diġitalizzati, kif ukoll il-files kollha b'mod ġenerali tal-Awtorità?

12/12/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li minn meta l-Awtorità tal-Artijiet bdiet l-eżerċizzju ta' diġitalizzazzjoni, ġew scanned mas-60% tal-files. L-Awtorità qiegħda tagħti dan il-proċess ta' diġitalizzazzjoni prijorità assoluta.

Seduta 190
18/12/2023

**ĦAL QORMI - TRIQ IL-ĦELSIEN U TRIQ IL-ĦAMMIERI – SEWQAN EĊĊESSIV**

**14226. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti struzzjoni lill-Infrastructure Malta u Transport Malta biex jiżdiedu l-miżuri kontra sewqan eċċessiv fi Triq il-Ħelsien u Triq il-Ħammieri, f'Ħal Qormi, hekk kif qed jiġu rreġistrati numru ta' inċidenti fil-parapetti tan-nies bil-periklu li dan jista' joħloq lir-residenti?

12/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta ħadet nota tas-sewqan fi Triq il-Ħelsien, f'Ħal Qormi u kkomunikat mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi sabiex jiġu kkontemplati "traffic calming measures". L-Awtorità qiegħda wkoll tieħu nota tas-sewqan fi Triq Hammieri fl-istess lokalità.

Seduta 190
18/12/2023

**LOCAL PLANS - PARTIAL REVIEWS**

**14227. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm 'partial reviews' tal-local plans mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll f'liema nħawi ta' Malta saru dawn ir-reviews u fiex kienu jikkonsistu l-bidliet li seħħew, f'kull każ separatament?

12/12/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba fil-mistoqsija parlamentari 14227.

Seduta 190
18/12/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BIDLIET FIL-POLICIES**

**14228. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru bidliet fil-policies applikati mill-Awtorità tal-Ippjanar mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll liema kienu dawn il-bidliet, u f'kull każ, x'wassal għal dawn il-bidliet?

12/12/2023
**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 190
18/12/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' - APPLIKAZZJONIJIET**

**14229. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni applikaw għall-aħħar skema 'Irrestawra Darek' u jgħid kemm kien in-numru ta' applikazzjonijiet maqsuma lokalità, lokalità?

12/12/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba fil-mistoqsija parlamentari 14229,

Seduta 190
18/12/2023

**ĦAL QORMI - TRIQ IL-ĦELSIEN – SEWQAN PERIKOLUŻ**

**28. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tiġi stallata speed camera jew x'miżuri oħra se jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq il-Ħelsien, f'Ħal Qormi?

12/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill- Onor. Interpellant li Transport Malta ħadet nota tas-sewqan fi Triq il-Ħelsien, f'Ħal Qormi u kkomunikat mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi sabiex jiġu kkontemplati "traffic calming measures".

Seduta 190
18/12/2023

## MISTOQSIJIET GĦAL-TWEĠIBA BIL-MIKTUB

### ĦAL QORMI - TRIQ IL-VITORJA – SEWQAN PERIKOLUŻ

**29. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tiġi stallata speed camera jew x'miżuri oħra se jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq il-Vitorja, f'Ħal Qormi?

12/12/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lil Onor. Interpellant illi Transport Malta ma rċeviet l-ebda talbiet għal 'fixed speed camera' fi Triq il-Vitorja, f'Ħal Qormi. Madanakollu, l-Awtorità ħadet nota u ser tkun qed tevalwa l-kriterji ta' eliġibilità għal fixed speed camera kif stabbiliti fl-iSpeed Management on Maltese Roads Policy and Technical Guidance Manual - Annex 3C.

Seduta 190
18/12/2023